

Brussell, 24 ta' Ġunju 2025
(OR. en)

9918/25

SOC 384
EMPL 254
SAN 301

ATTI LEĠIŻLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL li tissostitwixxi membru supplenti tal-Kumitat ta' Konsulenza dwar is-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol għall-Estonja

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

ta' ...

**li tissostitwixxi membru supplenti tal-Kumitat ta' Konsulenza
dwar is-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol għall-Estonja**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill tat-22 ta' Lulju 2003 li tistabbilixxi Kumitat ta' Konsulenza dwar is-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 3 tagħha,

¹ ĠU C 218, 13.9.2003, p. 1.

Billi:

- (1) Bid-Deċiżjoni tal-5 ta' Marzu 2025², il-Kunsill ħatar membri u membri supplenti tal-Kumitat ta' Konsulenza dwar is-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol għall-perjodu mis-6 ta' Marzu 2025 sal-5 ta' Marzu 2028.
- (2) Konsegwentement għar-riżenja tas-Sa Marika LIIV sar vakanti siġġu ta' membru supplenti fil-kategorija tar-rappreżentanti tal-gvern.
- (3) L-Estonja ppreżentat kandidat għas-siġġu vakanti,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

² Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tal-5 ta' Marzu 2025 li taħtar il-membri u l-membri supplenti tal-Kumitat ta' Konsulenza dwar is-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol (ĠU C C/2025/1689, ELI: <http://data.europa.eu/eli/C/2025/1689/oj>).

Artikolu 1

Is-Sa Elina SOOMETTS hija maħtura membru supplenti tal-Kumitat ta' Konsulenza dwar is-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol minflok is-Sa Marika LIIV għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fil-5 ta' Marzu 2028.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi ..., ...

Għall-Kunsill

Il-President
